MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tat-8 ta' Frar, 2010

Numru. 1244/2009

**Il-Pulizija**
**[Spettur Malcolm Bondin]**

**vs**

**Anna Dalli**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Anna Dalli, ta’ 55 sena, bint Spiru Buttigieg u Carmela nee` Buttigieg, mwielda San Giljan nhar il-5 ta’ Lulju 1954, residenti Flat 5, Knight’s Court, Triq il-Kavallieri ta’ Malta, Marsascala, detentrici tal-karta ta’ l-identita` bin-numru 122056M.

Akkuzata talli nhar il-5 ta’ Novembru 2009, ghal habta ta’ 4 p.m. gewwa l-Homemate Ltd, Triq is-Sebh, Qormi, ikkommettiet serq ta’ kartiera kontenenti 640 Euros, ghad-detriment ta’ Lewis Azzpardi, liema serq huwa aggravat bil-valur.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat:

Illi l-fatti in breve kienu is-segwenti:

Illi fil-5 ta' Novembru, gewwa l-istabbiliment Homemate gewwa l-Imriehel kien hemm Lewis Azzopardi fejn kien ghadu kemm akkwista xi oggetti u hallashom mal-'*cash*' tal-istess post u wara li hallas huwa nesa il-portafoll hemmhekk. Illi allegatament, Anna Dalli li kienet warajh, malli rat dan il-portafoll qabdet karta li kellha f'idejha, hbietu tahta u harget barra bih biex tefatu fil-karrozza u mbaghad regghet dahlet f'dan l-istabbiliment sabiex titfa xi biljett tas-suggerimenti fil-kaxxa li kien hemm hdejn l-istess 'cash'.

Illi l-akkuzata, irritornat il-portafoll wara l-bieb ta' Lewis Azzopardi xi tliet ijiem wara peress li hija qalet illi kellha hafna x'taghmel fil-post taghha izda il-flus ma halliethomx fih ghax qalet illi bezghet li xi hadd kien jehodhom sakemm Lewis Azzopardi kien isib il-portafoll. Kien biss meta l-pulizija cemplitilha sabiex tinterrogaha li din irritornathom.

Fil-portafoll kien hemm diversi *'credit cards'* u ammont ta' flus li Lewis Azzopardi kien jahseb li kienu jammontaw ghal circa EUR 640.

Illi meta l-pulizija marru gewwa l-istabbiliment Homemate biex jaraw fuq ic-CCTV camera taghhom x'gara ezatt, huma setghu jaraw illi l-akkuzata poggiet xi karta li kellha f'idejha flimkien ma' xi oggetti ohra li kellha u hbiet dan il-portafoll tahthom. Illi ghaldaqstant huwa car u evidenti anke mix-xhieda tas-surgent u s-*security* tal-post illi il-fatt materjalment twettaq mill-akkuzata. Li hemm dubju huwa fl-intenzjoni li kellha l-akkuzata. Fil-mument tat-twettiq tal-fatt l-akkuzata kellha l-intenzjoni li tisraq kif qed tghid il-prosekuzzjoni jew li tiehu dak il-portafoll biex b'hekk tirritornah lil sidu hi stess?

Ghalhekk din il-Qorti qed tghaddi biex tezamina x'ghidu il-guristi fuq l-*animu* tar-reat ta' serq u sabiex tkun tista' tghaddi ghal decizjoni huwa importanti hafna l-komportament tal-akkuzata tul il-process kollu wara li twettaq il-fatt.

Illi il-Qrati matul is-snin dejjem qablu illi s-serq jikkonsisti fil-kontrattazzjoni doluza tal-haga ta' haddiehor, maghmula *invite domino*, bi skop ta' lukru. Fil-fatt **Carrara** jghid:

*"Il dolo del furto cinsiste nella intenzione di arricchire se stesso, ed e' dolo determinate, quantunque niente si vagheggi come fine dell'atto nostro il pensiero del dolore o del disastro patrimoniale che si reca all'offeso, ed e costituirlo basta che il ladro sappia che la cosa e' altrui, senza che sia necessario che egli conosca a chi precisamente appartiene"* (Diritto Criminale, Vol. IV, Casa Editrice Fratelli (Firenze), 1923, para. 2025, p. 35-36)

Il-professur Mamo jelabora li jghid hekk:

*". . . it suffices that the purpose of deriving a gain in the above sense existed in the intention of the agent; it is not required for the completion of the crime that such gain shall have in fact been realised . . .Indeed even where the gain has failed to be realised by reason of a voluntary act of the thief himself (e.g. because he restores the thing) . . .the crime of theft juridically continues to subsist, inasmuch as the "animus lucrandi" was present at the time of appropriating the thing. Restitution of the thing or compensation operates only in mitigation of punishment in certain cases".*

Illi mill-atteggament tal-akkuzata hargu diversi punti li bihom il-Qorti baqghet perplessa. L-ewwel wiehed hu li appena l-akkuzata sabet u hadet dan il-portafoll hija ma infurmatx immedjatament lil xi hadd mill-istabbiliment fejn sabitu izda haditu dirett id-dar. Illi l-ispjegazzjoni taghha kienet illi hi ma tafda f'hadd. Punt iehor kien illi lir-ragel

taghha, minkejja li kien il-Homemate jixtri maghha, ma qaltlu b'xejn. Hi ghalqet dan il-portafoll go kexxun id-dar taghha biex b'hekk irritornatu minghajr il-flus xi granet wara. L-iskuza tal-akkuzata ghaliex ma hallietx il-flus gol-portafoll kien illi hija ma kienitx tafda min kien ser jiehu l-portafoll u li riedet taghti l-flus lil Azzopardi personalment minhabba li seta' kien hemm xi rikompensa. Pero` l-akkuzata setghet facilment, meta hija rat li Lewis Azzopardi ma kienx id-dar skond il-verzjoni taghha, terga' tiehu l-portafoll lura u terga' tmur jew iccempillu billi ggib in-numru tat-telefon mill-indirizz li kien hemm fuq il-karta tal-identita' tieghu.

Illi dan kollu jitfa' dell ikrah fuq l-animu tal-akkuzata u din il-Qorti mhijiex qed temmen il-verzjoni tal-akkuzata meta din qalet illi ma rieditx tisraq izda riedet tirritorna hi stess il-portafoll. Illi pero` din il-Qorti ssaqsi, ghaliex ma infurmat lil hadd b'dak li sabet bhal xi *security* tal-istabbiliment, ghaliex ma nfurmatx lir-ragel taghha u hbiet kollox minnu sakemm ma din inqabdet, ghaliex irritornat il-portafoll hamest ijiem wara meta hi messha taf li jekk hi kienet fil-posizzjoni ta' Lewis Azzopardi, hi kienet tkun trid taf mill-ewwel x'sar minnha dik il-haga, ghaliex irritornat biss il-portafoll u mhux il-flus ukoll u ghaliex ma hallietx nota mal-portafoll biex Azzopardi jkun jista' jikkuntattjaha jekk hi kienet tant interessata fir-rikompensa?

Illi ma tistax tkun difiza min-naha tal-akuzata illi hija sabet dan il-portafoll mitluq fuq il-bank meta hija qeghda tghid illi ma ratx il-propjetarju ta' dan il-portafoll. Din il-Qorti ma setghetx tikkonstata dan il-fatt b'mod konklussiv ghaliex ma setghetx tara l-filmat propju pero` mix-xhieda tas-Surgent 545 Gabriel Micallef u tas-*security* Malcolm Demanuele hareg illi l-akkuzata kienet ezatt wara Lewis Azzopardi.

Pero` f'kaz ta' dubju din il-Qorti qed taghmel referenza ghas-sentenzi tal-Appell Kriminali fil-*Pulizija v. Spiteri (22/10/1902), Pulizija v. Filippo Magri (6/02/1909) u Rex v. Williams (4/11/1941)* li kollha qalu illi kull min jiehu l-pussess ta' oggett li jsib mitluq taht cirkostanzi li jindikaw li

dak l-oggett jappartjeni lil xi hadd u li ma kienx gie abbandunat minn sidu, ikun hati tar-reat ta’ serq.

Illi finalment irrizulta ukoll illi l-akkuzata Anna Dalli irritornat is-somma ta’ EUR 560 dovuta lill-istess Lewis Azzopardi u hallset ukoll ic-‘charges’ li kien inkorra l-istess Azzopardi mal-Bank tieghu.

Ghal dawn il-motivi:

Il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 267 u 279 (a) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, qed issib lill-akkuzata Anna Dalli hatja tar-reat ta’ serq kif addebitat fl-akkuza , u qeghda tikkundanna lill-istess Anna Dalli il-piena ta’ hames (5) xhur prigunerija u bis-sahha tal-Artikolu 28A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta din is-sentenza qed tigi sospiza ghal zmien ta’ sena mil-lum.

Il-Qorti spjegat fi kliem ordinarju lill-imputata r-responsabilita` taghha u x’jigri jekk tikkommetti reat iehor fil-perjodu ta’ sena u jekk ma toqghodx ghall-ordni lilha moghtija.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------